FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

### Seduta ta’ nhar L-Erbgha 22 ta’ Mejju, 2002

**Avviz Nru:706/01 PM**

**Burmarrad Commercials Limited**

**Vs**

Vincent Borg

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ mitejn u tmienja u tletin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu Lm238.75 dovut ghal danni lill-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici;

Ra r-risposta tal-konvenut fis-sens li “d-danni graw b’segwitu ta’ incident li ma hux responsabbli ghalih il-konvenut”;

Ra d-dokumenti ezebiti;

Ra l-atti tal-kawza;

Sema’ x-xhieda;

Ikkunsidra li l-konvenut kien qed isuq trakk u kkaguna hsara fit-tabella tas-socjeta’ attrici. Illi l-konvenut kellu jara li jista’ jsuq u jimmanuvra minghajr ma jikkaguna xi danni. Qabel ma gholla l-kaxxa kien id-dover tal-konvenut li jara li jista’ jaghmel din il-manuvra minghajr ma jikkaguna danni;

L-ammont ta’ danni ma giex kontestat;

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjonjiet u jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**